MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 292/2013

**Master Distributors Limited (C 2837)**

**vs**

**Geomike Limited (C 8820)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Settembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ disat telef, tlett mija u zewg ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€9,302.23) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra ufficcjali numru 2874/12 mahruga skond l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tal-Mandat ta’ Qbid numru 2181/2013 prezentat kontestwalment u bl-imghax legali b’effett mill-24 ta’

Jannar 2012 d-data ta' l-ahhar invoice, sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Godfrey Burrows datata 9 ta' Ottubru 2013 a fol. 4 tergo tal-process.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2013 is-socjeta' intimata giet imsejha izda ma dehritx la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat telef, tlett mija u zewg ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€9,302.23) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 2874/12 u tal-Mandat ta' Qbid numru 2181/2013 prezentat kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghax kif mitluba fir-rikors promotur u cioe' b'effett mill-24 ta' Jannar 2012 d-data ta' l-ahhar invoice sal-effettiv pagament a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------